TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 237/12-F

**Lourdes u Alfred Mizzi**
**vs**
**Fantasy Tours**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Settenbru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti 'cruise Adriatiku' fuq il-Majesty ta' Thomson Cruises.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw *cruise* fuq vapur, u wara li dan il-vapur ma baqax jopera lejn Malta, ġew trasferiti fuq vapur ieħor u ngħataw *upgrade*, pero' meta marru fil-kabina tagħhom, kellhom id-dgħajsa tas-salvataġġ eżatt quddiem it-tieqa tagħhom u b'hekk ma kellhomx *sea view* kif kienu bbukjati oriġinarjament u għalhekk qed jitolbu d-danni.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi huma ħadu *upgrade* tal-kabina u kienu ngħataw ukoll kumpens talli kellhom id-dgħajsa tas-salvataġġ timblokkalhom il-vista., u għalhekk is-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tissodisfa r-rikjesti tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti marru fuq vjaġġ u huwa minnu illi fl-ewwel lok ingħataw *upgrade* tal-kamra, pero' huwa minnu wkoll illi kellhom id-dgħajsa tas-salvataġġ illi kienet qegħda tostakola l-veduta tal-baħar.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti diġa' ngħataw xi tip ta' kumpens.

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata Golden Travel Club Ltd. tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) *in toto*, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**